*ikompli minn paġna 1*

magħhom, ifissrilhom l-Iskrittura, iħeġġilhom qalbhom u jiftħilhom għajnejhom biex jagħrfuh *fil-qsim tal-ħobż* u fl-għaqda ta' bejniethom. Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm u lil sħabhom tawhom l-aħbar li kienu ltaqgħu mal-Mulej.

Ġesù ħall l-irbit tal-mewt. Huwa ħaj. Imiss lilna li nxandru din ir-rebħa lil kulħadd u ngħixuha. Ġesù rebħilna l-ħelsien mid-dnub. Imma rridu nkunu aħna li ngħixu ħielsa mid-dnub u kollna tama fih nimxu warajh.

**Fr Lino**

**Kunċert ta' Mużika Klassika**
**mill-Hamburg Physicians Orchestra**

It-Tlieta 27 t'April
fis 7.00 p.m. fil-knisja.
Kulħadd mistieden. Dħul b'xejn.
Se niġbru donazzjonijiet b'riżq id-Dar tal-Kleru.

## Sala Santa Marija

Ċentru Parrokkjali Santa Marija
130, Triq E. B. Vella Birkirkara.

**Tinkera għall-parties familjari u laqgħat.**
**(Bil-parking).**

Ċempel l-uffiċċju parrokkjali fuq 21448026/27448026.

**Vaganza flimkien għall-familja kollha**
**fir-reġjun tal-Black Forest, Ġermanja**
**27 ta' Awissu – 3 ta' Settembru 2010**

Inżuru:
Strasbourg, Black Forest, Stuttgart, Lake Constance,
Freiburg u Europa Theme Park.

**Aktar dettalji mill-uffiċċju parrokkjali.**
**Ċempel fuq 21448026 jew 27448026.**

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270





PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA
April 2010

## Il-Kelma tal-Kappillan

Matul żmien il-Għid aħna ngħixu mill-ġdid l-esperjenza tal-ewwel komunità nisranija. Il-Knisja titwieled mill-qawmien mill-mewt ta' Ġesù. Fil-bidu, il-komunità tad-dixxipli tfittex lil Ġesù *ħdejn il-qabar*, imma tagħrfu ferħana *fil-qsim tal-ħobż*.

Marija ta' Magdala tirrappreżenta l-komunità li għadha ma tistax tifhem il-mewt ta' Ġesù. Għadha mifxula, ma tafx fejn taqbad tagħti rasha. Tmur tfittex *ħdejn il-qabar*, il-post tal-mejtin. Quddiem il-qabar vojt, titkellem f'isem il-komunità tad-dixxipli: "Qalgħu l-Mulej mill-qabar u ma nafux fejn qegħduh". Tirrappreżenta lil dawk kollha li jaħsbu li l-qabar hu l-post fejn il-proġett ta' Alla tfarrak u falla.

"Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni, kif kien għadu d-dlam". Kien ġa beda l-jum tal-ħolqien il-ġdid, imma għal Marija ta' Magdala kien għadu d-dlam, kien għadu bil-lejl. Il-lejl, id-dlam, jirrappreżenta d-dinja li ma emmnitx f'Ġesù. Il-komunità nisranija tfittex anzjuża biex issib il-ħajja u l-imħabba, imma xi kultant tfittixhom fejn ma tistax issibhom.

Marija ta' Magdala tiltaqa' ma' Pietru u Ġwanni u tgħidilhom li l-qabar tal-imgħallem tagħhom huwa vojt. Pietru u Ġwanni jitilqu jiġru lejn il-qabar. Dawn ukoll jirrappreżentaw il-komunità mifxula. It-tnejn ġrew lejn il-qabar, imma d-dixxiplu l-maħbub (Ġwanni) ħaffef aktar minn Pietru u wasal qablu. Ġwanni tbaxxa u ra l-faxex tal-għażel mixħutin hemm, iżda ma daħalx. Imbagħad wasal warajh Pietru, daħal fil-qabar, ra l-faxex tal-għażel imqiegħdin hemm u l-maktur li kien madwar rasu.

Ġrat xi ħaġa li qatt ma nstemgħet. Imma kien Ġwanni biss li seta' jifhimha u jemminha. Fuq Ġwanni l-Evanġelju jgħidilna: "Imbagħad daħal id-dixxiplu l-maħbub, ra, u emmen". Nikbru fil-fidi skont kemm inkunu intimi ma' Ġesù. Ġwanni huwa d-dixxiplu li kien qrib ta' Ġesù fl-Aħħar Ikla, fil-ħin tal-kundanna tiegħu u sal-mewt tas-salib.

Fit-triq lejn Għemmaws, iż-żewġ dixxipli juruna biċ-ċar kif kienet tinsab l-ewwel komunità dakinhar: imbeżżgħa, mifxula, imxerrda, bla direzzjoni, bla tama u bla messaġġ. Imma Ġesù Rxoxt jersaq lejhom u jimxi

*ikompli f'paġna 4*

Uffiċċju Parrokkjali, 130 Triq E.B. Vella, Birkirkara BKR 1570 • Tel: 21 448 026 / 27 448 026 • E-mail: zonastamarija@waldonet.net.mt

# Djarju - April 2010

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 1** | Ħamis ix-Xirka. Filgħodu ma jkunx hemm Quddies u l-knisja tibqa' magħluqa. Fil-Konkatidral, Mons. Arċisqof imexxi Quddiesa bir-Rit tat-Tberik taż-Żjut Imqaddsa. Fis-6.30p.m. ikollna l-Quddiesa Solenni tat-Tifkira ta' l-Ikla tal-Mulej bir-rit tal-ħasil tar-riġlejn. Fi tmiem il-quddiesa, l-Ewkaristija titpoġġa fl-Artal tar-Repożizzjoni u l-adorazzjonijiet ikunu fit-8.00p.m., fid-9.00p.m. u fil-10.00p.m. |
| **Il-Ġimgħa 2** | Il-Ġimgħa l-Kbira. Jum ta' sawm (għal dawk bejn it-18 u 59 sena) u astinenza mil-laħam (għal dawk minn 14–il sena 'l fuq). Il-knisja tiftaħ fis-7.00a.m. u nkomplu bl-adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija. Fit-8.30a.m. ikun hemm talb mill-Uffiċċju Divin għal din il-ġurnata. Ikun hemm adorazzjonijiet fid-9.00a.m. u fl-10.00a.m. Fit-3.00p.m. nagħmlu t-Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej bir-qari tar-rakkont tal-Passjoni, bil-bews tas-Salib Imqaddes u bit-Tqarbin. |
| **Is-Sibt 3** | Filgħodu ma jkunx hemm quddies u l-knisja tibqa' magħluqa. Il-knisja tiftaħ fis-6.00p.m. għall-qrar. Fit-8.00p.m. ikollna l-Quddiesa Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid. |
| **Il-Ħadd 4** | Ħadd il-Għid tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet. Il-quddies ikun fis-7.00a.m., fit-8.30a.m., fl-10.00a.m. u fis-6.00p.m. Fil-Quddiesa tal-10.00a.m. ikollna t-tberik tal-figolli u tat-tfal. |
| **Il-Ħamis 8** | Jerġgħu jibdew il-klassijiet tal-katekiżmu għat-tfal. Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 11** | It-Tieni Ħadd tal-Għid tas-Sena C: Ġesù, imqajjem mill-mewt, jagħti l-Ispirtu tiegħu lill-Knisja u jħalli fiha l-istess qawwa tiegħu. Dan huwa wkoll il-Ħadd tal-Ħniena Divina. Fil-5.00p.m. ikollna adorazzjoni mmexxija mil-Grupp tal-Ħniena Divina tal-parroċċa u fis-6.00p.m. il-quddiesa. |
| **Il-Ħamis 15** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. Fis-7.30p.m., fiċ-ċentru parrokkjali, issir il-laqgħa ta' darba fix-xahar għall-koppji miżżewġin. |
| **Is-Sibt 17** | Wara nofsinhar jasal Malta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Filgħaxija jkollna zewġ quddisiet: fil-5.30p.m. u fis-6.30p.m. |
| **Il-Ħadd 18** | It-Tielet Ħadd tal-Għid tas-Sena C: Għal darba oħra Ġesù Rxoxt jidher lid-dixxipli tiegħu biex iqawwi fihom il-fidi fiH. Filgħodu jkollna żewġ quddisiet biss: fis-7.00a.m. u fit-8.00a.m. Fl-10.00a.m. il-Papa Benedittu XVI imexxi Quddiesa Solenni Konċelebrata fuq il-Fosos tal-Furjana. Filgħaxija l-quddiesa tkun bħas-soltu fis-6.00p.m. |
| **Il-Ħamis 22** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem ĠesùEwkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 25** | Ir-Raba' Ħadd tal-Għid tas-Sena C u Jum il-Vokazzjonijiet: Ġesù huwa r-Ragħaj li jaf in-nagħaġ tiegħu waħda waħda, jagħtihom is-sigurtà u l-ħajja ta' dejjem. |
| **It-Tlieta 27** | Fis-7.00p.m., fil-knisja, ikollna kunċert ta' mużika klassika mill-Hamburg Physicians Orchestra. |



# Tberik tal-Familji 2010

## Jibda dejjem fl-4.30p.m.

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 5 t'April: | Triq il-Knisja l-Qadima. |
| It-Tlieta 6 t'April: | Triq T. Dingli u Triq V. Cassar. |
| Il-Ħamis 8 t'April: | Triq K. Żerafa u Triq il-Qanniċ. |
| Il-Ġimgħa 9 t'April: | Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq il-Kulleġġ. |
| It-Tnejn 12 t'April: | Triq F. Geneste. |
| It-Tlieta 13 t'April: | Triq B. Bontadini. |
| Il-Ħamis 15 t'April: | Triq l-Isqof B. Cagliares, Triq il-Kan. I. Galea u Triq Notabile (in-naħa ta' V&F Portelli). |
| Il-Ġimgħa 16 t'April: | H. E. Ex-Skola Teknika u Triq P. P. Castagna. |
| It-Tnejn 19 t'April: | Triq Ġ. Orlando u Triq il-5 ta' Diċembru. |
| It-Tlieta 20 t'April: | Triq F. Żahra u Misraħ K. Rizzo. |
| Il-Ħamis 22 t'April: | Triq Notabile (in-naħa ta' Farsons) |
| Il-Ġimgħa 23 t'April: | Triq l-Istazzjon. |
| It-Tnejn 26 t'April: | Triq K. Galea (in-naħa ta' isfel) u Triq F. Busuttil. |
| Il-Ħamis 29 t'April: | Triq K. Galea (in-naħa ta' fuq) u Triq id-Dar tal-Kleru |
| Il-Ġimgħa 30 t'April: | Triq E. B. Vella (in-naħa ta' Misraħ K. Rizzo). |
| It-Tnejn 3 ta' Mejju: | Triq E. B. Vella (in-naħa ta' l-uffiċċju parrokkjali). |
| It-Tlieta 4 ta' Mejju: | Triq San Vinċenz, Triq il-Kolleġġjata, Triq l-Imrieħel (minn Triq il-Wied sa Triq il-Ferrovija l-Qadima), Sqaq l-Imrieħel u Triq Azzopardi. |
| Il-Ħamis 6 ta' Mejju: | Triq l-Imrieħel (minn Triq il-Ferrovja l-Qadima sa Triq Notabile), Triq ix-Xorrox u Triq il-Parroċċa Santa Marija. |
| Il-Ġimgħa 7 ta' Mejju: | Misraħ San Alwiġi u Triq Santa Tereża. |
| It-Tnejn 10 ta' Mejju: | Triq Dun Xand Cortis, Triq San Lawrenz, Triq il-Madonna ta' Pompei u Triq San Pawl. |
| It-Tlieta 11 ta' Mejju: | Triq Ħal Qormi u Misraħ 28 ta' Frar. |
| L-Erbgħa 12 ta' Mejju: | Triq C. Brincat u Triq il-Maġġur A. Aquilina. |
| Il-Ġimgħa 14 ta' Mejju: | Triq E. Schembri u Triq S. Mizzi. |

## Ħinijiet tal-Quddies u ta' l-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**

*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**

Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***

*It-Tnejn u l-Erbgħa:* 4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* zonastamarija@waldonet.net.mt